# IL-QASRIJA VOJTA

Kien hemm re f'art imbieghda hafna, li habbar kompetizzjoni biex ikun deciz minn ser jiret it-tron tieghu. L-imperatur kien imdahhal fiz-zmien u wlied ma kellux u billi kien ihobb il-pjanti iddikjara li kull tifel li xtaq ikun imperatur kellu jigi fil-palazz imperjali biex jircievi zerriegha rjali wahda biss. Dak it-tifel li seta' juri l-ahjar rizultati fi zmien sitt xhur jirbah l-gara u jsir l-imperatur li jmiss.

Tistghu tahsbu kemm kien hemm entuzjazmu fost il-familji li kellhom it-tfal. Il-genituri nkorraggixxu lit-tfal subien taghhom biex jiehdu sehem. Kull tifel beda' jgib quddiem ghajnejh li ser jirbah hu u jkun sultan fuq l-art kollha. It-tfal, l-aktar dawk li kienu ulied il-bdiewa bdew jahsbu li huma kellhom l-aktar opportunita' billi minghand missierithom tghallmu s-sengha tat-tkabbir tal-pjanti. Fil-jum li fih fethet il-gara, follol kbar ta' tfal subien hanqu l-palazz. Kull tifel qaghad attent li ma jitlifx dik iz-zerriegha unika li kellu f'idu billi dik kienet tiswa' imperu.

Hafna kien jikkunsidraw lit-tifel Frangisku li kien l-ahjar gennien fil-villagg. Il-prodotti tieghu ta’ bettieh, langas,



dulliegh, pastard, hass u hxejjex ohra kienu fost l-aqwa u n-nies tar-rahal kienu bl’imhatra min minnhom jixtri l-prodotti tieghu, dejjem jekk kienu jilhqulu. Il-jum kollu kien jiehu hsieb il-gnien, issa jnaqqi l-haxix hazin, u ohra jizra’ xtieli ghad-dell jew ghax-xemx, dejjem skont il-kundizzjoni li tkun adattata ghall-pjanta. U meta x-xita tkun nieqsa u l-pjanti u l-hxejjex ikunu bil-ghatx arah itella’ l-ilma mill-bir u jsaqqihom. L-imhabba tieghu ghal agrikoltura kienet kbira. Frangisku bhat-tfal l-ohra mar il-palazz, ircieva z-zerriegha minghand l-ufficjal tar-re u bil-

galbu kollha hadha lejn id-dar. Meta wasal, bla telf ta' zmien qabad qasrija vojta, pogga fil-qiegh taghha xi gebel zghira u mlieha b'hamrija sewda kollha vitamini. Difen iz-zerriegha xi pulzier 'l isfel mill-wicc u tefa' saff baxx ta' hamrija ohra. Ta' kull jum kien isaqqiha b'ilma frisk mill-bir taghhom, attent biex jara l-ewwel werqa tisponta mill-wicc.

Tizjanu kien l-ewwel tifel li habbar li z-zerriegha nibtet u tghidx kemm kien hemm ecitament fost il-membri tal-familja tieghu u bosta nies, kemm dawk li kienu jafuh u anke dawk li ma kienux, ferhulu. Ferah fuq li ferah li hu kien ser ikun l-imperatur li jmiss. Izda kemm ftahar u sahansitra anke beda' jikkmanda lil dawk ta' madwaru, bil-kemm kemm ma jarahomx dubbien. Wara Tizjanu, kien hemm tifel iehor, Titu li l-pjanta tieghu harget rasha mill-hamrija u anke Vespru jidher li kellu success. Frangisku sema' bl-ahbarijiet li kienu qed jigru mar-rahal kollu u kien imhawwad. Hadd minn dawn it-tfal ma kien kapaci li jkabbar pjanti tant tajjeb daqsu. Il-pjanta tieghu baqghet taht il-hamrija u ma spuntatx.

Fi ftit taz-zmien il-pjanti tat-tfal kollha spuntaw. Harguhom ghax-xemx biex il-pjanti jkollhom id-dawl u jikbru sbieh. Kienu ghassa taghhom lejl u nhar. Bin-nhar

biex xi hadd ma jaghmillhomx xi hsara jew jinharqu bix-xemx u bil-lejl kienu jdahhluhom gewwa li ma jmurx xi annimal jiekolhom jew ikkisirhomlhom. Fuq kull cint jew bejt ta’ dar kont tilmah dawn il-qsari. Imma iz-zerriegha ta’ Frangisku baqghet ma kibritx. X’kellu hazin jew x’ghamel li mhux suppost li ghamel. Frangisku pogga z-zerriegha tieghu f’qasrija gdida b’hamrija aktar b’sahhitha. U minkejja li kuljum kien jaghtiha l-attenzjoni, iz-zerriegha ma qabditx.

Il-pjanti tat-tfal issahhu u anke z-zokk taghhom hxien. Frangisku tilef rasu u ma kienx jaf x’sejjer jaqbad jaghmel. It-tfal l-ohra bdew jidhqu bih anke jinkuh. U bdiet tigri l-frazi fir-rahal kollu, “ vojt bhal qasrija ta’ Frangisku” meta ma kienx ikollhom helu aktar fil-bwiet jew jispiccaw il-platt ta’ l-ikel.

Frangisku ghamel tentattiv iehor. Ghal darb’ohra rega’ qaleb iz-zerriegha ghal qasrija ohra u mal-hamrija zied hut niexef bhala fertilizant. Imma ebda rizultat.

Ghaddew sitt xhur u waslet il-gurnata li fiha t-tfal kellhom jiehdu il-pjanti taghhom fil-palazz biex ikunu ggudikati ghall-hidma taghhom. Tizjanu, Titu u Vespru u t-tfal kollha illustraw il-qsari taghhom biex il-pjanta tidher attraenti, u meshu l-weraq kbar sabiex il-pjanta tidher

tleqq. Ilkoll libsu l-isbah ilbies u sahansitra kien hemm genituri li garrewlhom il-pjanti biex ma jinkisrux.

“X’ser naghmel?” staqsa Frangisku lill-genituri tieghu filwaqt li tefa’ harstu barra mit-tieqa jilmah lit-tfal l-ohra sejrin lejn il-palazz. ” Iz-zerriegha ma kibritx u l-qasrija hija vojta.”

Qallu missieru:” “ Inti ghamilt li stajt.”  U ommu nkoraggitu, “Frangisk, hu l-qasrija kif inhi lil imperatur. Hu l-ahjar li stajt taghmel.”

Misthi ghal ahhar, Frangisk ha l-qasrija u fi triqtu lejn il-palazz ra tfal wicchom mimli ferh, ilkoll igorru pjanti sbieh.

Fil-palazz it-tfal kollha bil-pjanti f’idejhom kienu qed jistennew il-gudizzju fuq liema hija l-isbah pjanta. L-imperatur liebes il-kappa rjali, mar qalb it-tfal jara u jifli kull pjanta. Kull pjanta kienet differenti, imma lkoll sbieh u kbar. U waqt li jmiss il-weraq ta’ kull pjanta biex bhallikieku japprezza s-sbuhija taghha, qabel jghaddi l-gudizzju, kien jonfoh qisu wiehed dizgustat. Meta wasal quddiem Frangisku qallu: “ U inti....gibtli qasrija vojta?”

Frangisku ried l-art tibilghu, imma rabba’ ftit kuragg u qal lil imperatur: “Jekk jghogbok, Majesta’, ippruvajt

naghmel hilti kollha biex ikolli l-pjanta li inti xtaqt tara, imma kien kollu ghalxejn. Bdiltilha l-qasrija tlett darbiet u tlett darbiet bdiltilha wkoll il-hamrija bil-fertilizant. Madankollu ma riditx tikber. Jiddispjacini Sire ," qallu Frangisku u nizzel rasu bil-misthija. "X'jismek ghaziz tfajjel?"

"Frangisku," wiegbu t-tfajjel.

Imbaghad l-imperatur tela' fuq it-tron u fesfes xi haga lis-segretarju tieghu. Dan mar u gab lil Frangisku hdejh. L-imperatur qam bil-wieqfa biex juri li dak li kien sejjer jghid kellu aworita' ta' sultan u b'lehen li jrieghed is-sala qal: " Ma nafx minn fejn dawn it-tfal kollha gabu z-zerriegha. Intom qatt ma stajtu tkabbru xtieli miz-zerriegha li tajtkom ghax iz-zerriegha kollha kienet mghollija. Intom tfal li ppruvajtu tqarrqu bija, hlief ghal dan it-tfajjel li kien onest u ma bidilx iz-zerriegha mperjali ma' ohra li timbet u taghmel pjanta sabiha.  Frangisku rebah l-kompetizzjoni u dan it-tfajjel issa jibda' jghix fil-palazz mieghi biex inrawmu halli jsir sultan u bil-ghaqal u l-onesta' tieghu jmexxikom fit-toroq tal-gid."

Dar lejn Frangisku, tbissimlu u hadlu b'idejh biex jifrahlu.